MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2014

Numru. 594/2007

**Il-Pulizija**

**Assisent Kummissarju Norbert Ciappara**

**VS**

**Richard Attard, iben il-mejjet Joseph Paul u Virginia nee' Bugeja, imwieled il-Floriana nhar l-4 ta' April, 1953, residenti fil-fond Ta' Guza, Triq il-Gnien, Gharghur, detentur tal-karta tal-identita' numru 284453M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Richard Attard,** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-14 ta' Lulju, 2007, u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

A. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu, skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi GN 292/1939, kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

B. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kinx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A, u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Meidka u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-Ordni mahruga mill-Avukat Generali fil-konfront tal-Kapitolu 101 u l-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, a folio 4 u 5 rispettivament.

Rat li fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kien hati ta’ ebda akkuza.

Rat illi fil-fatt, minhabba zball fl-eta’, l-Ufficjal Prosekutur dak iz-zmien l-Ispettur Norbert Ciappara, prezenta zewg Ordnijiet ohra tal-Avukat Generali, dejjem ai termini tal-Kapitolu 101 u l-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, (folio 21 u 22 rispettivament).

Rat illi l-istess Ufficjal Prosekutur, prezenta l-istqarrija tal-imputat bhala Dok Ra a folio 26 – 28 tal-atti, konfermata minn PC 1183 Oliver Borg;

Prezenta wkoll ic-cwievet ta’ vettura Alfa; u sett cwievet ta’ flat f’Bugibba bhala Dok RA3; kif ukoll ir-rental agreement maghmul bejn l-imputat u certu Helen Dimech ta’ garaxx fejn skondtu nstabet parti mis-sustanza bhala Dok RA1 u Dok RA2; u l-fedina penali tal-imputat fost l-ohrajn.

Xehdu l-pulizija li kienu direttament involuti fit-tfittxija u l-arrest ta’ Richard Attard.

**PC 10 Trevor Cassar Mallia** xehed illi a bazi ta’ search warrant mahrug minn Magisrat waqqfu lill-imputat hdejn il-Gharghur FC. Kien sejjer lejn il-karozza Alfa Romeo silver convertible. Jghid illi hawn fil-pocket ta’ fejn il-hand break bejn is-seatx sablu pakkett tas-sigaretti li kien fih xi boroz bi trab abjad suspettat kokaina. Procedew biex jaghmlu search fir-residenza tal-imputat, minn fejn mill-kamra tas-sodda gew elevati fliexken, poppers, u minn kexxun tas-sodda elevaw kaxxa li kien fiha circa elf tliet mija u tmenin lira Maltin (Lm1380.00) u xi flus Rumeni.

Zied illi mill-kcina, mill-fridge, sabu flixkun poppers iehor u minn got-dustbin elevaw borza li kienet l-istess bhal dik illi kien hemm fil-pakkett tas-sigaretti. Skondtu din kienet vojta. Zied ukoll dan ix-xhud illi staqsew lil Richard Attard fejn kien il-mutur tieghu, u ghalkemm jghid illi wegibhom illi kien go garaxx, ma ridx jghidilhom fejn kien.

Qal illi r-residenza kienet f’Ta’ Guza, Triq il-Gnien, Gharghur; u li l-Alfa Spiteri kellha n-numru tar-registrazzjoni FBQ826.

Anke **PC 213 Nicholas Borg** xehed dwar it-tfittxija suesposta u kkonferma s-sejba minn PC 10 tal-pakkett tas-sigaretti gol-Alfa Spider. Ukoll qal illi fih kellu boroz bi trab abjad. Ikkonferma s-sejba fil-kamra tas-sodda, sejba ta’ bott bil-poppers, kaxxa b’ammont ta’ flus; bott iehor bil-poppers fil-fridge u l-borza li nstabet fil-barmil taz-zibel. Xehed dwar cwievet li nstabu go kaxxa tal-kartun mohbija. Xehed illi ma ridx johodhom fil-garaxx tieghu. Qal illi kien minn investigazzjoni ulterjuri taghhom li sabu dan il-garaxx. Ghalhekk, wara nofsinhar, qal illi marru flimkien mal-imputat hdejn dan l-istess garaxx. Wara li effettwaw tfittxija hemm, jghid illi nstab Nokia bil-battery maqlugha. Instabu wkoll pakkett tas-sigaretti u borza li ghalih kienet tixbah lil dawk gia’ misjuba l-gurnata ta’ qabel bit-trab abjad. Zied illi saret anke tfittxija go vettura u go fiha nstabet borza zghira trasparenti li kien hemm fiha pilloli suspettati ecstasy. Go picnic cooler instabu affarijiet relatati mad-droga, u ghaliex kien hemm kwantita’ baghtu ghall-Forensic, li ghalhekk marru fuq il-post. Jghid illi ttiehdu r-ritratti tat-tfittxija u s-sejba.

Instabet ukoll borza mimlija boroz zghar - boroz tal-plastic trasparenti, hmistax(15)-il wahda, li kellha wkoll pilloli ecstasy.

Zied illi kien hemm gol-garaxx kaxxa orange li go fiha kien hemm erba'(4) boroz, ukoll bi trab abjad. Xehed illi kien hemm ukoll pouch iswed ta' camera tar-ritratti li go fih kellu zewg boroz imdaqqsin li kienu bi trab suspettat droga.

Sabu (ghax kien qed jaghmel din it-tfittxija ma' shabu pulizija), pakkett tas-sigaretti Silk Cut b'ghaxar (10) boroz trasparenti, ukoll bi trab abjad kif ukoll mizien elettroniku.

Ghamlu tfittxija b'residenza ohra, f'numru 2, New Street, Gharghur. Qal illi ghamel din it-tfittxija ma' PC 1319. F'din ir-residenza xehed illi nstabet borza wkoll trasparenti kontenenti trab abjad, u zewg boroz ohra vojta. Instab ukoll bhal ktieb zghir li go fih kien hemm ismijiet tan-nies u xi numru hdejhom u karta ohra. Kollox gie elevat. Tfittxija ohra saret go garaxx li pero skontu tat rizultat fin-negattiv. Ezebixxa wkoll il-prima note tieghu bhala Dok NC a folio 39 – 41.

**PC 1319 Matthew Xuereb** minn naha tieghu, xehed illi fl-14 ta' Lulju, ghamlu search f'garaxx fi Triq il-Kbira, gewwa l-Gharghur. Qal illi kien l-istess imputat illi ndikalhom ic-cavetta li kienet tiftah il-bieb ta' dan il-garaxx. Qal illi darba gewwa l-istess fond, sabu f'mutur, pakkett tas-sigaretti Rothmans ahmar illi go fih kellu borza trasparenti b'xi trab abjad go fiha, suspettata skondtu droga kokaina. Xehed illi sabu wkoll mobile tad-ditta Nokia bil-battery maqlugha, u SIM card minghajr is-SIM b'xi codes miktuba fuqha fuq karta safra. Zied illi go vettrina fuq xkaffa, kien hemm stereo ta' karozza u fuq l-istess stereo kien hemm borza b'xi pilloli suspettati ecstasy. Qal illi go picnic cooler, ukoll fil-vettrina, kien hemm "*hafna affarijiet*" (folio 43), skondtu relatati mad-droga, anke mizien elettroniku tad-ditta Tanita.

Xehed ukoll illi kien hemm borza trasparenti bil-pilloli. Ghalhekk cemplu lil tal-Forensic. Zied ukoll illi f'pocket ta' camera kien hemm anke zewg boroz b'ammonti sostanzjali ta' trab abjad suspettat kokaina. Qal ukoll illi f'kaxxa orange b'xi sachets fiha bi trab abjad u pakkett tas-sigaretti li kien fih aktarx (hu juza l-kelma "*forsi*") xi ammont ta' sachets trab abjad ukoll.

Qal ukoll illi ghamlu tfittxija fil-fond numru 2, New Street, Gharghur. Minn go mejda tal-computer zied illi f'kexxun sabu sachet bi trab abjad u xi boroz simili ghal dawk li kienu sabu fil-garaxx.

**Brian Farrugia**, ghan-nom tal-ADT, xehed dwar il-vetturi registrati f'isem Richard Attard, erba'(4) vetturi : Piaggio Vespa BBR186 registrat fuqu mis-17 ta' Marzu, 2006; Suzuki Jimmy KBE682 li hija registrata fuqu mit-18 ta' Dicembru, 2001; Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni RJA006 li kienet registrata fuqu mill-10 ta' Settembru, 1996; u l-ahhar vettura Citreon Dolly bin-numru tar-registrazzjoni J-5841 li kienet ilha fuq ismu mill-15 ta' Frar, 1986. Zied illi din il-vettura kienet skreppjata minn naha tal-ADT.

Ezebixxa d-dokumenti relattivi hbala Dok BF.

Rat ghalhekk id-digriet tar-rilaxx ta' l-istess vettura datat 19 ta' Frar, 2008.

Fir-rigward ta' dawn il-vetturi, xehed anke **John Mula** dwar vetturi nxurjati fuq isem l-imputat. Ezebixxa f'dan ir-rigward Dok JM folio 196.

**Mario Dimech** xehed f'isem ommu li kienet bed ridden. Qal illi f'isimha u kien ghamel kuntratt fuq fond numru 83, Triq il-Kbira, Gharghur. Din kienet kirja ta' garaxx. Qal illi kien is-Sur Attard biss li kellu access ghall-garaxx. Xehed illi anke kien ta lil Richard Attard l-uniku sett cwievet fuq dan il-fond. Xehed illi qabel il-garaxx kienu juzawh huma.

Minn naha tieghu, **Dr Anthony Cutajar** ezebixxa r-relazzjoni tieghu li kkompleta dwar in-nomina ghal compodium tal-assi, Dok AC.

Minn naha tieghu, l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:

"

a. *Illi ma nstabux sustanzi llegali fuq il-mizien elettroniku li kien hemm fid-dokument 601/07/03;*

b. *Illi l-likwidu trasparenti li kien hemm fiz-zewg fliexken zghar fid-dokument 601/07/09 u 901/07/10 rispettivament instab li kien l-Isobutyl nitrite soluation. Din is-sustanza, li tintuza bhala coronary vasodilators, mhix ikkontrollata bil-Ligi;*

c. *Illi l-erba' mitt pillola bajda li kien hemm fid-dokument 601/07/02 u 901/07/06 rispettivament instabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). Is-sustanza MDMA, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

d. *Illi nstabu tracci tas-sustanza Kokaina f'borza tal-plastic zghira trasparenti li kien hemm fid-dokumenti 901/07/11;*

E. *Illi trab abjad illi kien hemm fil-boroz tal-plastic fid-dokumenti 601/07/01, 601/07/04 sa 601/07/05, 601/07/07, 601/07/08 u 607/07/12 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 166.246 grammi, instabet fihom is-sustanza Kokaina. Circa 54% tat-trab abjad li kien hemm fil-boroz tal-plastic kien Kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

**PS 1147 Antoine Fenech** minn naha tieghu, anke hu bhall-Ispizjar Mario Mifsud nominat fl-Inkjesta Magisterjali, prezenta r-relazzjoni tieghu b'sittin (60) ritratt tal-kulur tal-oggetti li gew elevati u maqbuda, vide Dok AF.

Minn naha tieghu, **Matthew Barry** ghan-nom tad-Dhalia, ikkonferma li kien kera proprjeta' l-Gharghur lill-imputat, liema proprejta' kienet iggib l-indirizz 2, New Street, Gharghur.

**WPC 127 Carmen Gauci** wkoll ikkonfermat minn naha taghha li l-imputat kien gie mwaqqaf hdejn l-Iskola tal-Gharghur, u saret tfittxija kemm fuqu kif ukoll fil-vettura tieghu FBQ826 Alfa Spider. Xehdet illi minn fuq l-imputat gie anke elevat mobile cellulari tal-marka Nokia, u mill-karozza msemmija pakkett sigaretti li kien hdejn il-hand break li kien fih erba'(4) boroz tal-plastic zghar bi trab abjad. Ziedet illi mit-tfittxija li saret fir-residenza tieghu, fil-fond numru 15, Triq il-Gnien, Gharghur, gew elevati zewg poppers, u mid-dust bins tal-kcina giet elevata borza zghira tal-plastic simili ghal dik li nstabet gol-vettura li kien fiha tracci ta' trab abjad.

Xehdet **Audrey Ghigo** ghan-nom tal-bank HSBC, u ezebiet il-kontijiet bankarji li kellu f'ismu l-istess imputat.

**Nadya Camilleri** f'isem il-kumpanija Demajo, xehdet illi hu, cioe' l-imputat, kien xtara scooter Vespa ghall-ammont ta' elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600.00). Dan hallas fuqu depozitu ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00). Kien baqa' biss hlas fuq kambjali ghall-ammont ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600.00). Xehdet illi wara diskussjonijiet, il-klijent, allura l-imputat, kien qabel li jaghti lura l-Vespa. Il-kambjali gew ezebiti bhala Dok NC.

**Stefan Sacco** ghan-nom ta' Michael Attard Ltd, ikkonferma li l-imputat kien xtara Peugeot fit-12 ta' Lulju, 2005; u li fuq l-istess kien ghad baqa' bilanc ta' sebat elef disa' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm7,953.42).

Minn naha tieghu **Dr Martin Bajada**, ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok MB a folio 304. Senjalament il-Qorti hawn taghmel referenza ghal SMSs li sab dan l-espert minn wiehed mill-mobiles elevati minghand l-imputat**, a folio 316. 317, u 318 tal-istess (enfasi tal-Qorti)**

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni ai termini ta-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligiijet ta' Malta), u tas-Subartikolu (2C) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta).

Minn hawn 'l hemm, cioe' mis-sena 2009, din il-kawza thalliet ghall-provi tad-Difiza, li frankament ingabu ferm bil-mod!

Intalab aktar tard mill-Avukat Difensur, u gie ghalhekk imhejji Social Inquiry Report – dan gie ezebit minn **Chantal Avellino** bhala Dok CA a folio 751(fl-20 ta' Ottubru, 2010).

Wara certu ammont ta' zmien, id-Difiza talbet li jixhdu Dr David Cassar u Dr John Zammit Montebello.

Minn naha tieghu, **Dr David Cassar**, tabib psikjatra, qal illi hu kien il-konsulent tal-imputat. Qal illi hu f'din il-kapacita' beda jara lill-imputat mis-sena 2007, li kien ilu jafu erba' (4) snin. Qal illi meta mar ghandu l-imputat, kien fi stat ta' ansjeta' u dipressjoni qawwija, kien depressed b'mod qawwi, b'hafna xewqat illi jmut. Spjega dan it-tabib illi Attard kien ghadda minn hafna esperjenzi trawmatici – telf ta' missieru, problemi fiz-zwieg, problem fil-hajja privata tieghu, konflitti dwar is-sesswalita' tieghu, diffikultajiet mal-partner tieghu, diffickultajiet fil-post tax-xoghol.

Qal illi Richard Attard kien anke juza sustanzi. Xehed illi dan Richard Attard kien jaghmlu minhabba l-*loneliness* li kien ihoss – ghalhekk kien irrikorra ghall-uzu tas-sustanzi bhala *self-medication*. Xehed illi fl-ahhar sentejn (2), Richard kien ghadda ghall-ahjar. Skont il-psikjatra, Richard Attard kellu "*a social use*" ta' sustanza psikoattiva biex isserrah lilu nnifsu minn esperjenzi ohra li kien ghaddej minnhom. Qal illi ma kellux bzonn jidhol go programm ta' riabilitazzjoni.

Qal illi Richard Attard kein ghamel progress kbir fil-konfront tal-problemi msemmija.

**Dr John Zammit Montebello** minn naha tieghu xehed illi kien it-tabib tal-familja tal-imputat. Anke dan xehed fuq id-depression u mood swings li kellu l-akkuzat. Xehed dwar l-uzu tas-sustanzi - abbuz taghhom; li mis-sena 2008 s'issa kien stabbli u ma kellu ebda episodju ta' abbuz.

Ipproduciet id-Difiza anke lis-**Supritendent Sandro Gatt**. Dan xehed illi meta hu kien jahdem fl-Intelligence, l-imputat kien ghaddielu xi nformazzjoni relatata mad-droga, u li hu minn naha tieghu kien ghadda lid-Drug Squad. Qal illi l-informazzjoni li kien ghaddielu kienet tirrelata ma' traffikar ta' droga f'ghalqa fil-limiti tal-Gharghur.

Senjalament giet ezebita wkoll stqarrija guramentata li rrilaxxa l-istess imputat (folio 890). Hemm tinstab l-informazzjoni li l-imputat ta dwar akkwist ta' droga kokaina u ecstasy.

Gie anke dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur, illi Richard Attard fil-fatt kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (seduta tat-18 ta' Frar, 2014).

Xehdu in difesa l-mara tal-imputat, ibnu u bintu.

**<u>Ibnu Zack</u>** qal illi llum kien jahdem ma' missieru. Xehed illi missieru kien telaq mid-dar meta kellu ghaxar (10) snin, pero qal illi llum kien close hafna mieghu. Kien jammirah hafna, li kien *strong* ghall-familja tieghu. Iddeskrivieh bhala tip li jixtri, jghid hekk "*……kaxxi nbid, mhux kaxxa, zewg (2) kaxxi ma nafx. ……jixtri ammonti kbiar. Ghax gieli meta tixtri …..zewg (2) kaxxi jkollok plus one (1) ….allura tigi naqra iktar worth it.*" (folio 794).

**<u>Pippa Attard</u>**, bint l-imputat, xehdet illi meta sseparaw il-genituri taghha kienet tara lil missierha biss fil-weekend. Qalet illi llum kienu aktar close, jissaportjaw lil xulxin, qishom hbieb. Qalet illi missierha kien jaghtiha pariri fuq l-istudji, support finanzjarju, kien jghinha fl-immaniggjar tal-istabbiliment (Smugglers) li hi kienet tiggestixxi.

Gie suggerit lilha mill-Avukat Difensur (din ix-xhud tieghu!), illi missierha kien jixtri stock aktar milli suppost; wiegbet "*Marda serja hafna minn mindu kont tifla nghidlu dad ghandi bzonn file, jixtri xi mitt file, lanqas post m'ghandi fejn naghmlu. In-nanna tghidli ezatt bhal missieru ghax missieru kien dejjem jixtri bil-goff hafna …..qisu gejja l-gwerra.*" (folio 96)

Taf li missierha ghandu problemi ta' sahha mentali, u li minhabba f'hekk kien anke jmur ghand psikjatra.

**<u>Tanya Attard</u>** minn naha taghha qalet illi llum il-guranta, nonostante s-separazzjoni, kienet issib lill-imputat bhala l-akbar habib taghha, pero ma kinitx taf fejn l-imputat kien jghix ezatt. Gie suggerit lilha (**<u>anke f'dan il-kaz</u>**) li zewgha kellu problema ta' "*hoarding*", ghal liema suggeriment wiegbet "*I see.*" (folio 799).

Qalet "*Naf zgur illi jhobb jixtri kollox bil-goff, kwistjoni anke meta t-tfal ….ghadhom zghar it-tifla kienet ghadha litteralment baby, kienet thobb……pakkett ta' certu kwalita' tarah gej b'kaxxa u l-armarji kollha mimlija b'dawk it-tip ta' snacks…..jekk isiefer igib ghaxar (10) qomos.*" (folio 800).

Ikkunsidrat:

Kif gia' gie espost, l-imputat kien irrilaxxa kemm stqarrija; u anke aktar tard ghazel illi ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligiijet ta' Malta, anke jaghti nformazzjoni bil-gurament lill-Magistrat tal-Ghassa, b'hekk ipprevalixxa ruhu mill-beneficcji tal-Artikolu 29 tal-imsemmi Kapitolu.

Fl-istqarrija (ezebita a folio 26 – 28), ikkonferma n-numru tal-mobile tieghu; ikkonferma li bhala karozzi kellu Alfa Spider FBQ826, Peugeot FBQ898, u

Vespa.

Ikkonferma t-tfittxija li saret fil-karozza tieghu; is-sejba tal-pakkett tas-sigaretti Rothmans ahmar - marka li hu kien ipejjep. Qal illi l-karozza Spider, li fiha saret it-tfittxija kienet mikxufa, ghalhekk ma kinx jaf kif dan il-pakkett spicca fil-karozza. Qal ukoll illi hu, mistoqsi jekk dan il-pakkett kinx tieghu, wiegeb illi lill-pulizija kien wegibhom illi le. Qal illi hadd izjed ma kien jaghmel uzu mill-vettura Alfa Spider.

Ikkonferma li l-garaxx li fih saret it-tfittxija kien mikri lilu biss, pero ma setax jghid jekk kinx dahal xi hadd fih ghax ma kinx skondtu biddel is-serratura. Ikkonferma li mill-bidu ta' Lulju hu kellu l-kontroll tal-fond mikri fejn kien qieghed jirrisjedi.

Qal illi l-flus li kienu gew elevati mill-fond kienu rizultat ta' tisrif li ghamel mal-HSBC branch.

Mistoqsi ghala kellu kopja tax-xhieda ta' Josef Camilleri, wiegeb illi dik kien tahielu l-Avukat Difensur biex jghin lill-istess Josef Camilleri. Ghazel, kif kien drittu, illi ma jwegibx ghal domandi ohra li sarulu.

Din l-istqarrija giet mehuda fl-14 ta' Lulju, 2007, moghti kif gia' espost id-debita twissija li riedet il-Ligi dak iz-zmien. Dak iz-zmien Richard Attard kellu l-eta' ta' erbgha u hamsin(54) sena. Kellu fil-fedina penali akkuzi relatati ma' gestizzjoni ta' negozju u ohrajn koncernanti l-manteniment dovut.

Illi l-kwistjoni tal-ammissibilita' tal-istqarrija mehuda minghajr l-emendi tas-sena 2010, cioe' d-dritt tal-assistenza legali, giet ben rivistata mill-Qrati taghna ghal diversi drabi. Illi l-linji f'dan ir-rigward gew ben stabbiliti b'decizjonijiet bhal dik moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-konfront ta' Charles Stevens Muscat deciza nhar il-15 ta' Ottubru, 2012 – l-eta' tal-investigat, il-fedina penali tieghu, il-vulnerabbilta' tieghu; u sentenzi ohrajn bhal dik ricenti

moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri nhar l-20 ta’ Frar, 2014, fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Robert Busuttil”, fejn il-Qorti qalet hekk:

“

*Jibda biex jinghad illi l-kawza Kostituzzjonali Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali ikkwotat aktar minn dak illi irriproduciet l-ewwel Qorti. F’pagna 12 tal-istess sentenza l-Qorti tal-Appell qalet, “Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta’ avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta’ smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur.” F’paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad, “... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista’ jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda ... li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jewe theddid ...”. Din is-sentenza giet ikkwotata b’success fil-kawza l-ohra John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali u kompliet tghid, “Ebda Qorti f’ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta’ assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f’lezjoni ta’ dritt ghal smigh xieraq.” (pagna 10).*

*Din il-Qorti kif preseduta kellha l-okkazjoni ukoll tippronuncja ruhha ukoll fuq dan il-punt fil-kawza Il-Pulizija versus Paul Cutajar (Appell Inferjuri) Ghawdex fit-tmintax (18) ta’ Gunju elfejn u tlettax (2013) fejn ikkristallizzat is-sitwazzjoni f’dan il-bran: “Dwar dan l-ahhar ilment l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali u Ganni Attard versus Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta’ assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta’ facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija.”*

*Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta’ stqarrija f’dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur importanti ghax hekk biss tista’ tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna tinstab hati meta ma kellux jinstab hati.*”

Illi ghalhekk, in vista’ tal-premess, din il-Qorti tqis din l-istqarrija - il-kontenut taghha, bhala prova ammissibbli. L-ezami tal-provi prodotti ulterjurment jinhtieg anke li jikkoraboraw il-prova li trid issir b’tali stqarrija.

Barra minn hekk, kif gia’ inghad, Richard Attard irrilaxxa anke stqarrija guramentata. Fiha ndika n-nies illi minghandhom kien jixtri l-kokaina, anzi ndika diveris nies illi kienu jissuplixxuh biha. Ta nformazzjoni wkoll dwar minghand min kien jixtri l-ecstasy.

Ammetta fl-istess stqarrija, illi hu kien partecipanti f’sharing ma’ shabu kemm tad-droga ecstasy kif ukoll kokaina. Qal illi jekk ma kinx ikun sodisfatt b’dak li kien jixtri, kien jigi offrut lilu minn shabu jew gieli kien joffri hu lilhom.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi addebitati lil Richard Attard huma ta’ pussess aggravat fil-konfront tad-droga kokaina u ecstasy.

Mir-rizultanzi li wasal ghalihom l-Ispizjar Mario Mifsud, bla dubbju ta’ xejn id-droga misjuba ghand Richard Attard kienet ta’ natura inkorporata fl-akkuzi. Bla dubbju ta’ xejn il-pussess ma giex ikkontestat, il-kontestazzjoni minn naha tad-Difiza hi li dan il-pussess kien ghall-uzu personali tal-imputat, li kif gia’ inghad, ammetta ghall-uzu personali tad-droga misjuba. Id-Difiza minn naha taghha ressqet provi, apparti dawk tal-problemi emozzjonali, mentali u familjari tal-imputat, kif ukoll tal-istat tas-sahha tieghu, ta’ karattru kwazi ossessiv tal-imputat, li jixtri f’ammonti kbar, vizzju ta’ “*hoarding*”. Il-Qorti ghalhekk qed tigi mistiedna li takkolji l-linja difensjonali msressqa, cioe’ illi l-ammont ta’ droga misjub kien tali ghax l-imputat kellu l-vizzju li jahzen!

Issa kif gia’ kellha varji opportunitajiet tghid din il-Qorti, ripetut dan minn Qrati ohra taghna, ma hemm ebda “hard and fast rule” illi tistabilixxi x’ghandu jigi

kkonsidrat bhala pussess aggravat. Harsa u ezami sew tac-cirkostanzi kollha jridu jwasslu l-gudikant biex jiddetermina r-rizultanzi ta' dan.

Hawn il-Qorti ser taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija(Spettur Dennis Theuma) vs Noel Borg", deciza nhar it-12 ta' Frar 2009. Intqal hekk:

"*Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).*"

(Appell Kriminali Numru 277/2008)

Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jason Mallia" deciza nhar it-2 ta' Settembru, 1999 (per Imhallef Dr Vincernt De Gaetano), l-istess Qorti qalet hekk fuq id-definizzjoni ta' kelma "uzu":

"*Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha.*"

(Appell Numru 130/1999)

Minn naha l-ohra fid-decizjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Stephen Abela" tat-8 ta' April, 2005 (per Imhallef Dr Lawrence Quintano), din il-Qorti qalet hekk:

"*27. It-tielet kaz li qed tirreferi ghalih il-Qorti huwa "Spettur Norbert Ciappara vs Kenneth Zammit" tat-30 ta' Jannar, 2003. Dan kien appell tal-Avukat Generali minhabba li l-Ewwel Qorti ma kinitx sabet htija ta' pussess aggravat minkejja l-ammont ta' droga misjuba (151.7 grammi cannabis). L-imputat kien qal illi xtara d-droga f'dan l-ammont ghax sabha buon mercato. Id-droga msa nstabitx maqsuma.*

*28. Il-Qorti tal-Appell senplicement ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ghaliex 'trattandosi ta' apprezzament ta' fatt ma thossx illi ghandha tiddisturba l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti.*"

Mela ghalkemm prova wahda wahidha tista' twassal ghall-htija ta' pussess aggravat, kontrarjament jekk tingab prova ragonevoli li tissodisfa l-Qorti ghall-

presenza ta’ ammont ta’ droga u ghal pussess taghha ghand l-imputat ghall-imputat - raguni accettata mill-Qorti, raguni li tikkonvinci lill-Qorti, ir-reat ma jkunx pruvat.

Kif gia’ kellha okkazjoni tghid il-Qorti l-imputat ammetta kemm ghall-pussess tad-droga kokaina, kif ukoll ghal-escstasy – pussess skondtu ghall-konsum tieghu, ghalkemm jammetti li qasam din id-droga ma’ haddiehor fl-istqarrija guramentata. Dan pero, ma jfissirx “sharing” ai termini ta’ dak stabbilit mill-Qrati taghna f’decizjonijiet senjalament fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Marco Galea” u “Il-Pulizija vs Russell Bugeja”, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta’ Mejju, 2008.

Il-provi li gew migjuba mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi huma barra l-uzu personali u l-pussess ammess mill-imputat, illi d-droga giet misjuba fil-vettura tal-imputat u f’garaxx u fond lilu mikri; id-droga, specjalment il-kokaina, giet misjuba maqsuma f’boroz, instabu anke boroz ohrajn tal-istess natura, anke jekk vojta, fil-fatt kif anke jidher mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, instabu diversi boroz tal-plastic bi trab abjad, tant illi maghduda flimkien il-kokaina misjuba kienet tammonta ghall-piz ta’ 166.246 grammi; ammont pjuttost sostanzjali. Daqstant iehor kien sostanzjali l-ammont ta’ pilloli ecstasy misjub ghand l-imputat, erba’ mija (400).

L-imputat ressaq kif inghad, l-iskuzant ghal dan il-pussess ta’ droga konsiderevoli – ir-raguni li hu kien “*hoarder*”. Pero din il-Qorti, ma tistax tifhem ghala dan il-“*hoarder*” kellu ghalfejn jiehu l-izbriga li joqghod jaqsam dan il-kokaina f’porzjonijiet, jikkura li jahbieha daqstant, u anke jgorrha mieghu fil-vettura!!

Lanqas ma tista’ tinjora din il-Qorti, kif donnha ghazlet li taghmel id-Difiza il-messaggi rizultanti lil Dr Martin Bajada kif jidhru fl-ezebit Dok MB. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, il-kontenut ta’ dawn il-messaggi huwa aktar minn indikattiv tat-tip ta’ negozju li kien involut fih l-imputat!

Jekk jibqa’ xi dubbju, allura wiehed ghandu jhares lejn “in-note book” misjub fuq id-desk tar-residenza tal-imputat, u l-kitba hemm fuqu mnizzla. Xejn dan m’ghandu jhalli dubbju tal-attivita’ li fiha kien involut l-imputat: ismijiet bin-numri ma’ genbhom – storja antika f’attivita’ tad-droga!

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (GN 292/1939); L-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 5 tal-Avviz Legali 22-1985; l-Artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjoniijet li ghandhom x'jaqsmu maghha; il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 6 tal-Att V/1985, u ssib lil Richard Attard hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali tieghu; rat ukoll is-Social Inquiry Report u kkonsidrat il-problemi li bihom kien afflitt l-imputat, anke l-progress li seta' fil-fatt ghamel sal-lum;

Rat ukoll il-problemi ta' sahha li jaffliggu lill-imputat; ikkonsidrat anke li seta' ghandu hsibijiet ta' mewt *rinfacciando* piena karcerarja, pero jibqa' l-fatt illi r-reati li gie misjub hati taghhom, tassattivament igorru piena karcerarja. Ta' ghemilu l-imputat b'hekk ser ikollu jhallas!

Ikkonsidrat anke l-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta – rat ghalhekk fir-rigward tal-piena, l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat ukoll dwar il-piena, l-eta' tal-imputat, il-marda, kundizzjoni li taghha kien qieghed jircievi kura, b'dan pero li ma tistax ma tfakkarx il-hsara li l-pussess ta' tali ammont ta' droga ggib fuq is-socjeta', u tikkundannah ghalhekk ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs(2½);

U ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' elf hames mija u wiehed u erbghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,541.83)

Tordna wkoll illi d-droga kollha misjuba u mmarkata SB361.2007 tigi distrutta u tikkomunika din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------